**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Peter Sammut**
**Paul Sammut**
**David Bonnici**

Kaz Numru: 898/2013

Illum 1 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Peter Sammut**, ta' 57 sena, iben Paul u Carmen nee' Magro, imwieled Pieta', fil-31 ta' Marzu 1956 u residenti Carmpete, Triq Leli Falzon, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' 275156 (M), **Paul Sammut** ta' 23 sena, iben Peter u Carmen nee' Cutajar mwieled Pieta', fit-18 ta' Novembru 1989 u residenti gewwa Carmpete, Triq Leli Falzon, Naxxar, detentur ta'

karta tal-identita' 536389(M) u **David Bonnici** ta' 49 sena, iben Francis u Salvina nee' Agius, imwieled Pieta', fis-26 ta' Ottubru 1963 u residenti gewwa 29, Triq Sir Hunnibal E. Scicluna, Birgumma L/O Naxxar u detentur ta' karta tal-idnetita' 570763 (M) :

Akkuzati talli:-

Nhar il-11 t'Awwissu 2013 bejn 00:30 hrs u 01:00 hrs gewwa ta' Qali L/O Attard hebbu ghall-Stephen Bonnici u ikkagunawlu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr Rene Camilleri Med No 3025 mill-isptar Mater Dei a tenur tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzati li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied a tenur Sec 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Paul Sammut wahdu:

U akkuzat ukoll talli fil-lejl bejn is-Sibt tal-10 t' Awwissu 2013 u l-Hadd tal-11 t' Awwissu 2013 gewwa n-National park ta' Qali L/O Attard hebb ghal persuna ta' Daniel-Victor Bonnici u kkagunalu griehi ta' natura haffia skont ma ccertifkat minn Dr Sarah Vella Med No 2503 tal-Poliklinika tal-Floriana a tenur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebbe ghal persuna ta' Godfrey Bonnici u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skont ma ccertifikat minn Dr Sarah Vella Med No 2503 tal-Poliklinika tal-Floriana a tenur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Daniel-Victor Bonnici,

Godfrey Bonnici u Stephen Bonnici b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 339 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Daniel-Victor Bonnici, Godfrey Bonnici u Stephen Bonnici, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha a tenur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta, ingurja jew hedded lil Daniel-Victor Bonnici bi kliem a tenur tal-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Lijigijiet ta' Malta;

Lil Peter Sammut wahdu:

U akkuzat talli nhar il-11 t' Awwissu 2013 bejn 00:30 hrs u 01:00 hrs gewwa ta' Qali L/O Attard hebb ghal persuna ta' Vincent Bonnici u kkagunalu griehi ta' natura hafifa a tenur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Vincent Bonnici b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni a tenur tal-Artikolu 339 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Vincent Bonnici, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu a tenur tal-Artikolu 251 B tal-Kap  9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu l-kaz intbaghat biex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Permezz tal-proceduri odjerni, it-tlett imputati huma akkuzati li kkagunaw offiza gravi fuq Stephen Bonnici u bi ksur tal-paci pubblika. Paul Sammut huwa akkuzat li hebb ghal Daniel-Victor Bonnici u Godfrey Bonnici u kkagunalhom griehi hfief; u li ingurja jew hedded lil Daniel-Victor Bonnici, Godrey Bonnici u Stephen Bonnici; u bl-imgieba tieghu kkaguna lil Daniel-Victor Bonnici, Godfrey Bonnici u Stephen Bonnici biza' li se tintuza' vjolenza kontrihom u kontra l-proprjeta' taghhom; u li insulenta lil Daniel-Victor Bonnici. Peter Sammut huwa akkuzat li hebb ghal Vincent Bonnici u kkagunalu griehi hfief; ingurja lil Vincent Bonnici u akkuzat li bl-imgieba tieghu kkaguna lill-istess Vincent Bonnici biza' li se tintuza' vjolenza kontrih u kontra l-proprjeta' tieghu.

PS 1195 Conrad Debattista[1], stazzjonat l-Ghassa tar-Rabat, xehed li fil-11 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tan-12.30am kienu gew infurmati mid-depot li kienet inqalghet glieda waqt tieg fil-park nazzjonali u ntalbet l-assistenza mis-security tal-post. Huwa mar flimkien ma' PC 1021. Kif waslu s-securities qalulhom li kienet sehhet glieda waqt it-tieg u ndikawlu persuna li kienet involuta f'dan l-argument u qalulhom li tnejn minnhom kienu marru l-clinic biex jigu mdewwija. Huwa ra lil Paul Sammut li kien b'zaqqu barra u ghadu mbaqbaq. Is-

[1] Seduta tas-6 ta' Novembru 2013

surgent flimkien ma' xi persuni ohra li kienu mieghu hargu 'l barra lejn il-parking. Ix-xhud hareg warajh biex jassigura li telaq. Paul Sammut kien flimkien ma' missieru Peter li kien ma' martu u kienu agitati hafna. Kif kienu hekk migbura, bdew hergin il-mistiednin u kulhadd sejjer lejn il-vetturi tieghu. Huwa ra lil Stephen Bonnici li kien akkumpanjat minn martu, tfal u missieru. Stephen Bonnici kien qieghed jimbotta puschair. Lil dawn tal-ahhar rahom sejrin lejn il-vettura taghhom. Lill-ohrajn ma qalilhom xejn. F'daqqa w il-hin ra lit-tlett imputati sejrin fuq Stephen Bonnici u l-ohrajn. Kif telqu fuqhom gew f'argument bejniethom u t-tlieta jduru lejn wiehed. Stephen Bonnici ra lil Peter Sammut jaghti daqqa ta' ponn lil Vincent Bonnici.

Ix-xhud u PC 1021 intervjenew biex jieqfu u PC 1021 spicca maqbud f'rassa u x-xhud biex jevita li l-argument jeskala uza l-pepper spray u b'hekk waqfu u fired lill-persuni kollha. Peter Sammut kien liebes ilbies normali izda mhux tal-okkazjoni. Ix-xhud spjega li huwa ma kienx prezenti ghall-ewwel glieda izda ha l-verzjonijiet li nizzel fir-rapport.

PC 1021 Christian Cauchi[2] jikkonferma l-kommossjoni u li nqabad bejn il-glieda li sehhet.

Vincent Bonnici[3], hu l-imputat David Bonnici, xehed li kellhom it-tieg tan-neputija. Sar jaf li kien hemm tilwima li damet ftit sekondi bejn ibnu Daniel u l-imputat Paul Sammut. Ra biss lil ibnu b'xi demm niezel minn fuq rasu u qallu li kien sejjer il-clinic. Wara kien hiereg barra mill-park flimkien ma' martu, ibnu Stephen bit-tlett itfal u mart Stephen kienu mexjin ftit quddiemu. F'daqqa wahda nqalghu xi sitta min-nies u marru jsawtu lil Stephen. Huwa mar ighajjat lill-pulizija u qala' xebgha wkoll, waqa' mal-art u storda u gabruh in-nies. Harguh mill-folla u hass id-daqqiet tas-sieq. Qabad lit-tfal ta' Stephen u gabarhom fil-karozza. Waqt it-tieq huwa iltaqa' ma' Paul Sammut fit-toilet u dan qallu 'illejla tafdax' u qabad u hareg. Ix-xhud qal li mit-tlett imputati Peter Sammut messu u x-xhud waqa' mal-art u storda. Huwa jaf li xi hadd qabdu minn ghonqu u qala' daqqa fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu izda ma jafx min tah id-daqqa. Ighid ukoll li kien hemm persuni ohra. Min-naha tieghu jghid li lil Peter Sammut qallu biex lil ibni jhallih u staqsih x'kien ghamillu u Peter Sammut qallu

[2] Seduta tat-13 ta' Jannar 2014
[3] Seduta tas-6 ta' Novembru 2013

'mela t-tifel l-iehor mhux it-tifel tieghi wkoll'. Ix-xhud sostna li garrab xi griehi fuq mohhu.

Daniel Bonnici[4] xehed li meta mar mal-bar waqt it-tieg, Paul Sammut mar u messlu rasu, taptaplu fuq rasu u x-xhud qallu biex ma jmislux rasu u imbaghad damu xi ghaxar minuti jitkellem ma' Paul Sammut u xi guvni iehor. Qalulu biex imur it-toilet maghhom u ma marx. Wara ftit mar it-toilet u huwa u hiereg iltaqa' maghhom u mar bilqeghda. Paul Sammut rega' mar imisslu rasu u ma qallu xejn. Ghadda l-hin u f'xi nofs il-lejl/is-siegha ta' filghodu x-xhud kien qieghed jitkellem ma' kuginuh Shaun qrib il-funtana u Paul Sammut rega' mar imisslu rasu. Ix-xhud qallu li kien se jerga' jmisslu rasu kien se jitfghu fil-pool. Paul Sammut ipprova jitfa' lilu gol-pool u gew fl-idejn u Sammut spicca fil-pool u x-xhud spicca b'sinna mkissra. Ikkonferma li mal-pool hemm railing tal-hadid gholja hames piedi.

Godfrey Bonnici[5] xehed li huwa pprova jferraq fil-glieda li kien hemm u ddikjara li huwa ma xtaqx jixhed kontra l-imputat Paul Sammut.

Stephen Bonnici[6] xehed li huwa mar it-tieg ghall-habta tad-9.30pm u dar naqra u mar ipoggi hdejn iz-zijiet tieghu u x'hin kien se jpoggi mar l-imputat Paul Sammut u qallu 'hallas drink ja qammiel'. Ix-xhud irrispondih li kien hemm bar li minnu seta' jixrob kemm irid. X'hin ghadda l-hin Sammut mar itaptaplu fuq rasu u beda jghid hafna diskors u huwa ma kellmux. Ghamel hekk xi tlett darbiet. F'hin minnhom mar il-wejter, Paul dahal minn quddiem il-wejter, qabad plattina, tefaghha quddiemu u qallu, 'kul ja mejjet bil-guh'. Huwa kiel u ma kellmu xejn. Ghadda ftit tal-hin u mar huh Daniel hdejh u marru biex jiehdu drink. Kif qeghdin mal-bar, Paul Sammut mar itaptap fuq ras huh u dak qallu biex ma jmissux u baqghu jitkellmu.

Imbaghad x'hin kien tiela' 'l fuq mar bilqeghda fejn zijuh Mario fuq cint u n-naha l-ohra tal-gnien kien hemm Daniel u Shaun Agius (li ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri) jitkellmu. Paul Sammut rega' mar imiss ras Daniel u imbaghad ra lil Paul hiereg minn gol-vaska u Daniel u Paul qabdu jaghtu. Ix-xhud telaq minn hdejn zijuh u mar jigbed lil huh fil-genb. Zewg zijiet ohra, Lina u Esther bdew izommu lil Paul u mar Godfrey Bonnici kompla ferrqhom. Paul

[4] Seduta tal-24 ta' Frar 2014
[5] Seduta tal-24 ta' Frar 2014
[6] Seduta tad-9 ta' Marzu 2016

sammut beda jhedded li se jcempel lil missieru u l-argument waqaf hemm.

Ix-xhud kompla li mar ifittex lil martu u lit-tfal u huwa u tiela' mar David Bonnici u staqsih x'kien gara. Stephen Bonnici qallu li Paul qaghad jittantah u David baqa' sejjer. Paul huwa l-gharus tat-tifla ta' David Bonnici. Ix-xhud sab lil martu u lit-tfal u kienu hergin 'il barra. Telqu mit-tieg u kif waslu fid-dahla baqa' jitkellem ma' kuginuh Rudolph u marru l-pulizija u staqsewh ghal Daniel u Godfrey u qalilhom li kienu telqu.

Stephen Bonnici kompla li meta kien hiereg 'il barra mix-xatba, x'hin kien gol-parking marru David, Paul u Peter. Paul staqsih ghal missieru Vincent u ghal huh. Ix-xhud qallu li kienu telqu. Fil-pront hareg Vincent minn warajh u qalilhom biex jieqfu. Peter Sammut dagha u qal li t-tifel tieghu ma kienx annimal. B'hekk Peter Sammut qabad lil Vince Bonnici minn ghonqu u tefghu mal-art. Dak il-hin Paul Sammut mar minn warajh u tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh u David Bonnici qabad mal-glekk u ma jiftakarx aktar. Jaf li kaxkruh bicca sew ghal ma' bieba ta' karozza ghaliex ghatnu bieba bih (prova ta' dan m'hemmx in atti). Ix-xhud qal li huwa kien qieghed jimbotta puschair bit-tifla z-zghira u f'din il-kommossjoni t-tifla z-zghira spiccat tigri mal-art u t-tfal jigru bejniethom. Il-puschair tkisser. Imbaghad waslu l-pulizija u tefghu l-pepper spray.

Bhala griehi huwa kellu black eye u spalltu maqlugha. Ghamel xahar ma jistax icaqlaqha u sad-data tax-xhieda meta jisforzaha tugghu u idu ma jaghfasx fuqha. In-nuccali ma kienx jitranga u bhala ammont kien qrib l-€400[7].

Ma sar ebda kontro-ezami lil Stephen Bonnici.

L-imputat Peter Sammut, missier l-imputat Paul, xehed li dakinhar tat-tieg kien id-dar mal-mara u ghall-habta ta' nofs-il lejl l-gharusa ta' ibnu (bint David Bonnici) cemplet lil martu u qaltlu li huh David u t-tfal tieghu hebbew ghal ibnu Paul. Huwa ma marx biex jiggieled. Kif wasal hemm Paul kien hiereg bil-glekk biss ghaliex il-qmis kienet imqatta' fuqu u kien imxarrab. Paul qallu li Godfrey u Daniel qabdu jaghtuh u tefghuh gol-vaska. Dak il-hin Stephen kien hiereg u Paul

[7] Dok SB 5

mar fuqu u staqsih ghalfejn huh ghamillu hekk. Stephen beda jghajjru mejjet bil-guh u qallu biex jitlaq. Dahal David Bonnici u qal lil Stephen li l-affarijiet mhux hekk u Stephen tah daqqa ta' ponn lil David u qabdu f'xulxin u gew il-pulizija. Huwa sostna li ma sawwat lil hadd. L-istqarrija rilaxxjata minn Peter Sammut hija fuq l-istess binarju bhax-xhieda.

David Bonnici [8] xehed li flimkien ma' hutu Joseph u Vincent ghandhom negozju izda ilhom snin bil-problemi bejniethom. Ra lil Paul Sammut hiereg bil-qmis imqatta' u mar staqsih x'gara. Paul qallu li kien issawwat minn Daniel Bonnici (neputih) u Godfrey. Ix-xhud ma ra xejn. Qal lil Paul biex jitilqu u nduna li bintu cemplet lil Peter Sammut, missier Paul. Meta Peter Sammut wasal bdew jitkellmu bejniethom u bdew mexjin gol-parking. Hargu Stephen u missieru Vincent. Paul staqsa lil Stephen fejn kien huh u Stephen beda jersaq lejh b'aggressivita' u lil Stephen qallu x'se taghmel u Stephen tah daqqa ta' ponn fuq xofftu kif juri c-certifikat. Huwa qabad lil Stephen minn qaddu, waqghu fuq xulxin u waslu l-pulizija u wzaw il-pepper spray. Qal li wara t-tieg Stephen Bonnici ghamel hmistax-il jum jaqta' l-gheneb. Sostna wkoll li mart Stephen Bonnici kienet tahdem fis-sala ta' Mr Massimo Abela. Huwa qal li huwa operat fiz-zewg idejn u ghalhekk zgur mhux f'posizzjoni li jaghti bil-ponn.

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-istess David Bonnici[9] huwa jghid li Paul Sammut u Stephen kienu se jhebbu ghal xulxin u huwa dahal f'nofshom u ha daqqa ta' ponn minghand Stephen li qasamlu xofftu. Zamm lil Stephen minn qaddu u f'salt wiehed hass il-hruq tal-pepper spray.

Carmen Sammut[10] xehdet li Stephen Bonnici ta daqqa ta' ponn lil David Bonnici fuq xufftejh u imbaghad Paul, Stephen u David waqghu fuq xulxin.

Paul Sammut irrilaxxja stqarrija [11] fejn huwa qal li kien qieghed jitkellem ma' Daniel u messlu rasu bic-cajt, qabdu minn sidru u tefghu ghal isfel billi qabzu r-railings. Huwa xarrab saqajh biss. X'hin tela' mill-funtana gew fl-idejn u kien hemm min ipprova jferraqhom.

[8] Seduta tat-28 ta' Settembru 2016
[9] Fil-21 ta' Awwissu 2013
[10] Seduta tat-28 ta' Novembru 2016
[11] Fit-12 ta' Awwissu 2013 a fol 11 tal-process

Godfrey mar jheddu u joffendih. Telaq fejn Godfrey baqa' ghaddej u Daniel sparixxa.

Huwa flimkien mat-tfajla u l-genituri taghha qaghdu ghalihom. Malli raw li Godfrey se jkompli ddecidew li jitilqu. It-tfajla tieghu cemplet lil missieru. Wasal missieru u hargu 'l barra. Warajhom hargu Stephen, missieru u l-familja tieghu. Stephen dak il-hin kellu t-tarbija ghaliex kien bil-puschair. Staqsa lil Stephen fejn kien Daniel u Stephen beda joffendih li mejjet bil-guh. Wara ftit wasal David u qal lil Stephen biex jieqaf u Stephen tah daqqa ta' ponn. David u Stephen bdew jaghtu lil xulxin, waslu l-pulizija u wzaw il-pepper spray.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jitratta dwar argument li nqala' waqt tieg. Mill-provi jirrizulta li fil-fatt kien hemm zewg incidenti. Fl-ewwel incident jirrizulta li Paul Sammut, wiehed mill-imputati odjerni, taptap fuq ras Daniel Bonnici diversi drabi u dan tal-ahhar min-naha tieghu wrieh li kien qieghed idejqu.  Sa fl-ahhar Paul Sammut spicca fil-vaska u kif hareg huwa u Daniel Bonnicu gew fl-idejn. Intalbet l-assistenza tal-pulizija minghand is-sigurta' fil-park u sakemm waslu l-pulizija s-sitwazzjoni kienet donnha kkalmat.

L-gharusa ta' Paul Sammut, li tigi bint l-imputat l-iehor David Bonnici, cemplet lill-genituri ta' Paul li ddecidew li jmorru fuq il-post ukoll. Sadanittant, Paul, l-gharusa u ohrajn bdew hergin 'il barra lejn il-parkegg. PS 1195 mexa warajhom biex jassigura li s-sitwazzjoni kkalmat. Peter Sammut li kien ma' martu u Paul Sammut kienu jidhru agitati hafna. Stephen Bonnici (li ma kienx involut fl-ewwel argument) li kien qieghed isuq puschair bit-tifla zghira, flimkien ma' martu u missieru Vincent hargu mit-tieg u kienu sejrin lejn il-vettura taghhom. PS 1195 jixhed li ra lit-tlett imputati sejrin fuq Stephen Bonnici u l-ohrajn. Din il-Qorti temmen lis-Surgent u tifhem ukoll li t-tlett imputati kienu irrabjati. Kif gew vicin taghhom gew f'argument bejniethom u t-tlieta daru lejn wiehed. Din il-Qorti ma temminx li kien Stephen Bonnici l-ewwel ma ta daqqa ta' ponn ghalkemm mhux eskluz li huwa rreagixxa. Stephen Bonnici ma kellux ghalfejn dakinhar jigi fl-idejn ghaliex huwa ma kienx involut fl-ewwel incident. Huwa minnu li bejn il-partijiet jezisti inkwiet minhabba dizgwid fin-negozju tal-familja u dan l-inkwiet m'ghenx fl-argument ghaliex huwa

evidenti li r-rabja repressa splodiet dakinhar wara li kien Paul Sammut li bl-agir irresponsabbli tieghu xeghel il-micca.

Stephen Bonnici xehed li Paul Sammut tah daqqa ta' ponn u David Bonnici qabdu mill-glekk. Jaf li kaxkruh u ghatnu bieba ta' karozza bih.

Peter Sammut ta daqqa ta' ponn lil Vincent Bonnici u dan hekk kif xehed Vincent Bonnici, Daniel Bonnici u l-pulizija li kienu prezenti ghall-argument.

Illi d-difiza sostniet li f'kaz li tinstab htija allura japplika l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Inkwantu ghall-eccezzjoni tal-agitazzjoni tal-mohh hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Borg** mill-Qorti tal-Appell Kriminali[12]:*"Id-difiza illi l-appellant kien taht influwenza immedjata ta' passjoni stantanja jew agitazzjoni tal-mohh hija permessa mill-Ligi pero biex ikollha success irid jirrizulta illi kien hemm provokazzjoni gravi u illegali, b' tali mod illi nies f'temperament ordinarju, komunament igib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dan ifisser it-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif seta' hasibha l-appellant dak il-hin ta' l-incident."*

Din il-Qorti mill-ewwel se tirrileva li tali eccezzjoni ma tistax issib l-applikabilita' taghha fil-kaz odjern u dan billi hekk kif fuq intqal l-incidenti kienu konsegwenti ghall-agir ta' Paul Sammut u bl-ebda mod ma rrizultat provokazzjoni minn Stephen Bonnici, Daniel Bonnici u Vincent Bonnici.

Rinfaccjata b'dawn il-provi jehtieg issa li l-Qorti tezamina dawn il-provi fid-dawl tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

It-tlett imputati huma akkuzati li kkagunaw ferita gravi fuq Stephen Bonnici.

[12] 1 ta' Marzu, 2012

Jinghad mill-ewwel li mill-provi prodotti ma jirrizultax li Peter Sammut refa' jdejh fuq Stephen Bonnici.

Id-difiza sostniet li ma tistax tinstab htija kollettiva. Il-parte civile rrefera ghal sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Larry Lagana'**[13] li kien kaz fejn l-imputati gew akkuzati li kkawzaw ferita ta' natura gravi fuq individwu. Il-Qorti qalet :

*"Larry Lagana` jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti ma kellix issibu hati li kkaguna offiza gravi (jew gravissima) fuq Bugeja, izda se mai kellha ssibu hati biss skond l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta' partecipazzjoni f'rissa li fiha persuna sfat offiza. Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li l-glieda ma kienitx wahda "accidentali" izda kienet arkitettata u ppjanata mill-ahwa Laganan, min ikkaguna l-offiza gravi jista' jigi puntwalizzat (bhalma jistghu jigu individwati dawk li kkagunaw l-offizi ta' natura hfief). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint."*

Kuntrarjament ghal dak sostnut mid-difiza jirrizulta ippruvat li Stephen Bonnici garrab griehi kemm ta' natura hafifa kif ukoll ta' natura gravi. Infatti Mr Massimo Abela[14] irilaxxa certifikat fit-18 ta' Frar 2014. Huwa garrab zlogatura tal-ispalla tax-xellug. Kien investigah fl-4 ta' Frar 2014 fejn kien attenda l-isptar ghal MRI tal-ispalla u rega' rah fit-18 ta' Frar 2014. Kien irreferih ghand kollega tieghu John Casaletto biex jikkunsidrah ghal operazzjoni fuqha. Mistoqsi dwar in-natura tal-ferita tal-izglogatura huwa rrsiponda li hija *'wahda minn dawk il-grey areas sfortunatament ghax ghalkemm m'hemmx ksur involuti qala' bicca mill-capsule tal-ispalla u ser ikollha bzonn ta' operazzjoni. Jigifieri by definition difficli tikkategorizza bhala gravi jew ta' natura hafifa'*. Spjega li sitt xhur wara l-problema tieghu kienet ghadha ma trangatx. Stephen Bonnici kien ghadu qed ibati minn ugiegh u eghbusija fi spalltu. Mr Abela xehed li m'ghandux garanzija li l-hsara kollha saret dakinhar tal-incident u ma kinitx hemm minn qabel. In kontro-ezami xehed li Bonnici kellmu privatament. Huwa cahad li huwa habib personali tieghu jew li l-mara ta' Stephen Bonnici

[13] Deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Marzu 2003
[14] Seduta tat-2 ta' Frar 2015

u martu jahdmu fuq l-istess post tax-xoghol. Inoltre' n-natura tal-griehi tirrizulta wkoll mir-rapport tal-Medical Imaging Department[15].

Fil-kaz odjern jirrizulta b'mod evidenti li Paul Sammut ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Stephen Bonnici billi tah daqqa ta' ponn fuq ghajnejh.

Mill-bqija ma jistax jinghad li rrizulta min kien li kkaguna l-ferita fuq spallet Stephen Bonnici. Il-provi jindikaw li David Bonnici zammu mill-glekk izda b'daqshekk ma jfissirx li kien huwa li zgloga spallet Stephen Bonnici. Il-parte leza jispjega l-aggressjoni billi jghid li Paul Sammut tah daqqa ta' ponn mentri David Bonnici kien qieghed izommu mill-glekk u spicca tkaxkar bicca sew u li ghatnu bieba ta' karozza bih. Dan pero' ma jwassalx sal-grad rikjest mil-ligi li kien David Bonnici jew Paul Sammut li kkagunawlu l-ferita fuq spalltu. Huwa possibbli izda dan mhux sufficjenti biex tinstab htija fil-kamp penali. D'altronde' nonostante li jinghad li kien hemm vettura li garbet hsara la hemm imputazzjoni f'dan is-sens u lanqas ingabet prova taghha biex almenu tkun prova biex tikkorobora l-versjoni tal-parte leza.

It-tieni imputazzjoni tirrizulta ppruvata madankollu.

**It-tielet , ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paul Sammut**

It-tielet imputazzjoni giet ippruvata u dan billi rrizulta mix-xhieda tal-istess Daniel Bonnici. Gie ppruvat ukoll mix-xhieda ta' Dr Sarah Vella[16] u tad-Dentista Susan Farrugia[17]. M'hemmx dubju li Paul Sammut kien qieghed jittanta u jdejjaq lill-istess Daniel Bonnici waqt it-tieg. Meta imbaghad Daniel Bonnici wasal f'punt fejn ma felahx aktar, tefa' lil Paul Sammut fil-vaska u gew fl-idejn. Il-Qorti certament ma tapprovax li Daniel Bonnici tefa' lil Paul Sammut fil-vaska ghaliex kieku kkontrolla ruhu jista' jaghti l-kaz li l-argument kien jieqaf

[15] Dok MB1 a fol 103 tal-process
[16] Seduta tat-2 ta' Gunju 2014 li kkonfermat Dok SV 1 u SV 2
[17] Seduta tad-29 ta' Settembru 2014 li kkonfermat Dok SF

hemm. Li huwa zgur huwa li dan l-episodju huwa sintomatiku ta' agir immatur.

Ir-raba' imputazzjoni se tigi dikjarata bhala procediment ezawrit billi Godfrey Bonnici xehed b'mod car u tond li huwa ma xtaqx jixhed kontra Paul Sammut. Tali imputazzjoni hija rinunzjabbli.

Il-hames imputazzjoni tirrizulta ppruvata biss fil-konfront ta' Stephen Bonnici u dan billi rrizulta li Paul Sammut qallu li kien qammiel u mejjet bil-guh.

Is-sitt imputazzjoni ma gietx ippruvata billi biex tirrizulta jehtieg *a course of conduct* u mill-provi migjuba jirrizulta li fil-gurnata tal-incident kien hemm biss incident wiehed bejn Paul Sammut u Daniel Bonnici.

Is-seba' imputazzjoni wkoll ma tirrizultax ippruvata billi mill-provi ma rrizultax car li Paul Sammut insulenta, ingurja jew hedded lil Daniel Bonnici.

**It-tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet fil-konfront ta' Peter Sammut**

It-tmien imputazzjoni tirrizulta ppruvata kemm mix-xhieda ta' Vincent Bonnici stess u kif ukoll dik ta' PS 1195. In-natura tal-ferita wkoll giet ippruvata.

Id-disa' imputazzjoni ma gietx ippruvata u lanqas l-ghaxar imputazzjoni inkwantu din tirrikjedi *a course of conduct* u mill-provi jirrizulta li Peter Sammut kellu biss incident wiehed ma' Vincent Bonnici.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputati u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, inkwantu ghal **David Bonnici** ma ssibux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah, wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €58.

Inkwantu ghal **Paul Sammut** din il-Qorti filwaqt li mhux qieghed jinstab hati li kkaguna ferita gravi fuq Stephen Bonnici wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet qed jinstab hati li kkagunalu ferita ta' natura hafifa, u wara li l-Qorti rat l-artikoli 338(dd), 221(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati wkoll tat-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni biss fil-konfront ta' Stephen Bonnici filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit tar-raba' imputazzjoni u ma ssibux hati tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghal **Peter Sammut** din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, tad-disa' u tal-ghaxar imputazzjonijiet u ghalhekk minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 338(dd) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tat-tieni u tmien imputazzjonijiet izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati David Bonnici b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Stephen Bonnici taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izomm il-kwiet mieghu.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati Peter Sammut b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Vincent Bonnici taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izomm il-kwiet mieghu.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati Paul Sammut b'garanzija personali tieghu

nnifsu ghaf-favur ta' Stephen Bonnici u Daniel-Victor Bonnici taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izomm il-kwiet maghhom.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**